# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 5**

**Citaz. Nru. 751/01GV**

**C. Camilleri & Sons Limited**

**vs**

**Brian Bonaci u Susanna Bonaci**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta' elf u tnejn u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1,082.22) ammont dovut wara bejgh u konsenja ta' merkanzija kif jindika l-istatement anness bhala dok. A;

Premess illi nterpellati biex ihallsu dan id-debitu l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjonijiet x'jaghtu ghal hlas tieghu kif jirrizulta mill-anness affidavit immarkat bhala dokument B;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tghaddi sabiex tiddecidi t-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u dan a tenur tal-artikolui 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Prevja d-dispensa ta' kull dikjarazzjoni ohra li talvolta tkun necessarja tordna u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont ta' elf u tnejn u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1,082.22) oltre imghaxijiet legali;

Bl-interessi legali kif fuq inghad sal-pagament effettiv. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u mandat ta' qbid prezentati kontestwalment kif ukoll tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu, 2001 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Carmelo Camilleri; Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici; Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**